**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Marzu, 2017

Rikors numru : 478/2016 AL

AB

*versus*

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

Illi l-partijiet ilhom separati mis-sbatax (17) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) permezz ta' kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Cauchi, liema kuntratt ser jigi esebit fil-mori tal-ewwel appuntament;

Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn l-istess miżżewġin, u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni mahlufa hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument B".

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2016;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' April 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.